MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Numru 664/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Noel Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Noel Bugeja ta’ 21 sena, bin Mario u Mari nee’ Calleja imwieled Pieta’ fit-28 ta’ April, 1982 u residenti Carmel House, Triq Misrah il-Barrieri, Sta. Venera detentur ta’ karta ta’ identita numru 239782(M) akkuzat talli:

nhar it-3 t’Awissu tas-sena 2003 ghall-habta ta’ 00.30 gewwa triq il-Kbira San Giljan volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe ikkaguna hsarat fuq

vettura ta’ l-ghamla Rover bin-numru tar-registrazzjoni EAG 096 ghad-dannu ta’ Matthew Pisani minn tas-Sliema liema hsara tiskorri l-Lm50 imma ma tiskorrix il-Lm500, u dan ai terminu ta’ l-artikolu 325(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara l-qari tal-akkuza f’liema ammissjoni ippersista anka wara li nghata zmien jikkunsidra.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat hu akkuzat b’hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Rover numru ta’ registrazzjoni EAG-096 ghad-dannu ta’ Matthew Pisani. Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati. Rat l-artikolu 325(b) tal-Kap 325 u wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi u rat il-fedina penali tiddecidi li tapplika kontra l-imputat il-provediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghall-perjodu ta’ tlett xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------